**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Victor Calleja *noe*

*versus*

Nazzareno Vassallo *et noe*

**Preskrizzjoni - Rikonoxximent ta' Debitu - Kuntratt - Inadempjenza**

*Kawża għal irkupru ta' kreditu.*

*Il-każ taħt eżami ma jistax jiġi kkwalifikat bħala wieħed li fih is-soċjetà konvenuta kienet qed tiċħad il-kreditu pretiż mis-soċjetà*

*attriċi. Lanqas jista' jingħad li kienet għadha tikkunsidra l-kwistjoni jew li kienet qed tagħmel xi verifiki dwar l-istess kreditu. Għal kuntrarju hi kienet tirrikonoxxi li l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi kien lilha dovut bħala prezz tal-merkanzija li rċeviet. Kienet biss qed tippretendi illi hi ma kellhiex tħallas dak l-ammont kollu imma kellu jingħatalha skont biex jagħmel tajjeb għad-danni li sofriet minħabba d-dewmien fil-konsenja. Atteġġament dan li jammonta għal rikonoxximent tad-dejn għaliex wieħed ma jistax jippretendi li jingħata skont jew li tiġi maħfura lilu xi parti minnu jekk ma jkunx b'hekk jimplika l-eżistenza ta' l-istess kreditu.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet ukoll l-eċċezzjoni ta' l-inadempjenza kontrattwali. Il-fatt illi l-konsenja tal-merkanzija ordnata mis-soċjetà konvenuta ġiet tardivament ikkonsenjata ma jintitolax lis-soċjetà konvenuta li ma tħallasx għal dak li hi rċeviet u aċċettat. Ir-rimedju li kellha s-soċjetà konvenuta f'dawn iċ-ċirkostanzi kien li tirrifjuta l-merkanzija lilha kkonsenjata, tirreċedi l-appalt u tfittex lill-apaltatur għad-danni. Dan apparti r-rimedju l-ieħor fejn il-liġi hekk tippermetti li s-soċjetà konvenuta tqabbad lil ħaddieħor biex jesegwixxi l-ordni li kienet għamlet lis-soċjetà attriċi li kienet tibqa' dejjem responsabbli biex tagħmel tajjeb għat-telf subit mill-konvenuti* nomine. *Ċertament, però, is-soċjetà konvenuta ma kellha l-ebda dritt illi żżomm u tutillizza l-merkanzija lilha kkonsenjata bla ma tħallas tagħha.*

Il-Qorti:-

L-attur *nomine* ppreċeda kontra l-konvenuti *nomine* b'dan l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

"Premess illi l-attur, fuq ordni tas-soċjetà konvenuta kkonfezzjona kwantità ta' *boilersuits* u ċjoè mitejn u tlieta u ħamsin (253) u pprovda ukoll il-materjal għall-istess *boilersuits*, liema ordni jammonta komplessivament għal elf, mija u tmienja u tletin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu

(Lm1,138.50,0);

Premess *illi* l-konvenuti *nomine* għalkemm interpellati diversi drabi biex iħallsu, huma xorta waħda baqgħu inadempjenti;

*Talab li l-konvenuti nomine in vista tal-premess, jgħidu* għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:

Tikkundannahom iħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' elf, *mija u tmienja u tletin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu* (Lm1,138.50) prezz ta' xogħol ta' manifattura ta' 253 *boilersuits* kif ukoll ta' materjal ipprovdut fuq ordni u nkarigu tal-konvenuti *nomine*";

Il-konvenuti *nomine* eċċepew fl-ewwel lok illi t-talba attriċi kienet preskritta bil-mod kif ipprovdut fl-artikolu 2148 u 2149 tal-Kap. 16. Fit-tieni lok u bla preġudizzju għall-premess eċċepew *illi t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante* l-inadempjenza da parti tas-soċjetà attriċi;

B'sentenza tal-11 ta' April, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi filwaqt *li* rrespinġiet sija *l*-eċċezzjoni *tal*-preskrizzjoni u dawk fil-meritu, laqgħet it-talba attriċi għall-ammont ta' Lm1,075.25 u kkundannat għalhekk lill-konvenuti *nomine* biex iħallsu lill-attur *nomine* dan l-ammont, flimkien *mal-kap ta' l-ispejjeż, kif ukoll l-interessi legali fuq dan l*-ammont mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni sal-ħlas effettiv fuq l-ammont aġġudikat;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Ikkunsidrat li mill-provi jirriżulta li l-attur *nomine* ġie

mogħti appalt konsistenti fil-manifattura u konsenja ta' speċi ta' *boilersuits*. L-ordni saret mis-soċjetà konvenuta li riedet li l-materjal kolu lest jasal għandha sa qabel Diċembru 1989 - l-ordni saret f'Novembru, 1989. Għalkemm hemm xi diverġenzi bejn teżi u oħra, il-kontendenti jaqblu li dawn il-*boilersuits* ġew ikkonsenjati u ġew aċċettati mill-konvenuti *nomine* anke jekk parti minnhom ġew ikkonsenjati tardivament. Jaqblu ukoll li ebda ammont ta' ħlas ma ġie effettwat mill-konvenut *nomine* lill-kontroparti sal-lum;

Ikun utili li fl-ewwel lok tiġi mistħarrġa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 2148 u 2149 tal-Kap. 16, jiġifieri l-preskrizzjoni qasira ta' tmintax-il xahar u dik sussegwenti tas-sentejn. M'hemmx dubbju li l-aħħar konsenja - jgħidu l-attur stess - seħħet fit-13 ta' Jannar, 1990 (ara fol. 30). Iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fl-10 ta' Ġunju, 1993. L-ebda att legali ma jissemma' jew ġie prodott f'kull każ għal fini ta' interruzzjoni. Iżda l-attur Victor Calleja xehed *inter alia* (fol. 22) li ġej:

"Sa xahar ilu s-Sur Nazzareno Vassallo, wara li jien kont għamiltlu pjaċir ... kelli okkażjoni li niltaqa' miegħu każwalment u soċjalment, u meta għidtlu li kont qed ngħinu u hu fil-fatt kien għadu ma ħallasnix qalli issa kif jispiċċa xi biċċa xogħol li kellu dwar il-Kunsilli Lokali li fihom huwa kien ġie elett, huwa kien ser jirranġa l-affari miegħu";

Jiġi rrilevat li din id-deposizzjoni hija ddatata t-2 ta' Ġunju, 1994. Dina l-asserzjoni l-attur Victor Calleja *nomine* jirrepetiha f'xhieda sussegwenti bla ma ġie kontradett, anzi jgħid li l-konvenut *nomine* kien pront li jħallsu purchè ssirlu riduzzjoni ta' 25% mit-total dovut. Jirriżulta mill-provi li effettivament il-konvenut *nomine* kien ħassu urtat ħafna bil-fatt li l-*boilersuits* waslulu tardivament bil-konsegwenza li ma setax

jonora tradizzjoni ta' l-azjenda tiegħu billi jagħti xi speċi ta' rigal (il-*boilersuits de quo* f'dan il-każ) lill-impjegati tiegħu fil-festi natalizzji. Jidher li l-konvenut *nomine* ried bħala speċi jippunixxi lis-soċjetà attriċi għal dan in-nuqqas billi jitlob skont sostanzjali. L-attur *nomine* baqa' ma aċċettax, iżda jidher lil-konvenut *nomine* baqa' jżomm għalih u għall-użu ta' l-azjenda l-*boilersuits* ikkonsenjati lilu. Anke l-konvenut *nomine* (ara fol. 57 tal-proċess) meta huwa ddepona jikkonferma li kien hemm inkontri mal-parti l-oħra biex jaslu f'soluzzjoni bonarja li ma ntlaħqitx però huwa jgħid ukoll li:

"Fil-frattemp *in between* kien hemm xi żewġ tentattivi biex nippruvaw naslu u dejjem baqa' jżomm l-istess *stand*";

Fil-fehma tal-Qorti, meta l-posizzjoni kienet kif fuq spjegata, kienet seħħet interruzzjoni tal-preskrizzjoni u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni ma tirriżultax li hija waħda fondata;

Fil-meritu m'hemmx kontestazzjoni li mqar jekk in parte tardivament u f'kunsinni diversi il-*boilersuits* ġew meħudin mis-soċjetà konvenuta u baqgħu għandha. Irriżulta però - ara l-aħħar *statement* dok. XX - a fol. 60 tal-proċess - illi l-ammont realment mitlub mill-attur *nomine* stess kien fis-somma ta' Lm1075.25 u mhux ta' Lm1138.50. Dan seta' kien għall-fatt li mill-ordni oriġinali tnaqqas xi numru mill-*boilersuits* ġà ordnati u kwindi dan jispjega d-differenza. Il-Qort tifhem is-sens ta' diżappunt soffert mill-konvenut *nomine* għan-nuqqas kommess mis-soċjetà attriċi. Seta' forsi dan jirrifjuta l-ordni iżda żgur ma setax u ma jistax jippretendi li jżomm l-oġġetti u ma jħallasx tagħhom. In mankanza ta' ftehim *ad hoc* il-konvenut *nomine* ma jistax lanqas jitlob arbitrarjament skont ta' 25% u ta' l-ebda skont ieħor, mill-ammont minnu dovut kif donnu baqa' jippretendi. Għalhekk it-talba attriċi fl-ammont però ta'

Lm1075.25 tidher ippruvata suffiċjentement";

Appellaw minn din is-sentenza l-konvenuti *nomine*. *Jissottomettu illi l-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti fir*-rigward ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ma kinux ġusti. Jissottomettu illi għalkemm kien hemm inkontri bejn il-partijiet, il-kreditu pretiż mis-soċjetà attriċi qatt ma kien ġie ammess. *Kellha għalhekk tiġi akkolta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil*-meritu huma jissottomettu, kif irriżulta mis-sentenza appellata, li l-*boiler suits* kienu ġew ikkonsenjati mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta tardivament. Dan jammettih l-istess attur. Hu ppruvat *ukoll li dan in-nuqqas kuntrattwali da parti tas-soċjetà* attriċi kkaġuna nkonvenjent gravi lill-konvenuti *nomine* stante li dawn ma setgħux jonoraw tradizzjoni ta' l-azjenda tagħhom illi jagħtu tali *boilersuits* lill-impjegati tagħhom bħala rigal fil-festi tal-Milied. *Infatti, l-konsenja saret mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà* konvenuta fix-xahar ta' wara. L-appellanti jissottomettu illi hu prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tagħna illi f'każ ta' inadempjenza kontrattwali ma hemmx l-obbligu ta' ħlas;

Dan l-appell huwa għal kollox infondat;

L-Ewwel Qorti kkunsidrat li kienet ġiet ippruvata l-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv invokat mis-soċjetà konvenuta in forza ta' l-ammissjoni tal-konvenut Nazzareno Vassallo li hu kien jirrikonoxxi li kellu jħallas lis-soċjetà attriċi għall-*boilersuits* lilu kkonsenjati u minnu aċċettati. L-attur Victor Calleja jasserixxi illi s-soċjetà konvenuta kinet lesta li tħallas f'każ li kienet issirlu riduzzjoni ta' 25% mit-total dovut. Dikjarazzjoni dik li l-Ewwel Qorti qieset li tammonta għal rikoxximent tal-kreditu anke jekk kien hemm kontestazzjonijiet dwar l-ammont li kellu jiġi mħallas. Fil-fatt din ix-xhieda hi korroborata ukoll minn xhud prodott mill-konvenuti *nomine*, ċertu Calleja li kien wieħed mid-Diretturi tas-soċjetà attriċi.

Dan iddepona "għandi ngħid, u din ukoll fuq domanda tal-Qorti, illi l-oġġetti għaddew u ġew riċevuti mis-soċjetà konvenuta. Tliet xhur wara li ħaduhom kienu qalulna li ser iħallsuna però ġimgħa wara ppretendew skont ta' 25% fuq il-prezz mitlub". L-attur Victor Calleja, apparti dak irriportat fis-sentenza appellata, xehed ukoll: "allura (l-konvenut) beda jinsisti li jekk jien ma ntiħx skont lili ma kienx ser iħallasni ta' xejn". Kontra din ix-xhieda l-konvenut ma ressaq l-ebda prova. Meta xehed hu ma għamel l-ebda referenza għal fatt li huwa kien ippreparat li jħallas l-ammont reklamat jekk is-soċjetà attriċi tagħmillu skont għall-allegata inadempjenza tagħha. Biss meta xehed ix-xhud Benjamin Rizzo prodott mill-konvenut *nomine* u li kien jokkupa l-kariga ta' direttur finanzjarju tas-soċjetà konvenuta, dan ikkonferma illi s-soċjetà tiegħu kienet talbet *discount* ta' 25% in vista tal-fatt li kien hemm dewmien fil-konsenja tal-merkanzija. Jgħid illi l-parti l-oħra u ċjoè s-soċjetà attriċi oġġezzjonat u opponiet u ma ntlaħaqx ftehim. Il-punt għalhekk li għandu jiġi deċiż f'dan l-istadju hu jekk dawn il-fatti kif ippruvati kinux jew le jammontaw għall-ammissjoni univoka tal-kreditu da parti tad-debitur. Dan għaliex hu paċifiku illi jekk id-debitur jagħraf il-jedd tal-parti l-oħra li kontra tagħha tkun miexja l-preskrizzjoni, huwa jkun b'hekk qed jinterrompi l-preskrizzjoni. Din il-prova ta' interruzzjoni għandu jagħmilha l-attur li kontra tiegħu tkun ġiet eċċepita:

"Il-fatt li l-pretiż debitur jaċċetta li jikkunsidra l-kwistjoni u anke jitlob stima tal-pretiżi danni u jagħmel xi verifiki tagħhom, ma jammontax għar-rikonoxximent ta' dejn u għall-inerruzzjoni tal-preskrizzjoni ħlief fil-waqt li jagħmel dawk l-atti, huwa dejjem iddeklina r-responsabbilità tiegħu għad-danni reklamati. Biex l-atti tad-debitur jiġu nterpretati bħala riknoxximent tar-responsabbilità tiegħu, jeħtieġ li jkunu univoċi u ma jistgħux jissejħu univoċi dawk l-atti meta huma akkumpanjati minn dikjarazzjoni reiterata ta' ċaħda ta' responsabbilità ta' danni pretiżi" (Vol. XXVI.I.133);

Fil-każ taħt eżami però ċertament ma jistax jiġi kkwalifikat bħala wieħed li fih is-soċjetà konvenuta kienet qed tiċħad il-kreditu pretiż mis-soċjetà attriċi. Lanqas jista' jingħad li kienet għadha tikkunsidra l-kwistjoni jew li kienet qed tagħmel xi verifiki dwar l-istess kreditur. Għal kuntrarju hi kienet tirrikonoxxi li l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi kien lilha dovut bħala prezz tal-merkanzija li rċeviet. Kienet biss qed tippretendi illi hi ma kellhiex tħallas dak l-ammont kollu imma kellu jingħatalha skont biex jagħmel tajjeb għad-danni li soffriet minħabba d-dewmien fil-konsenja. Atteġġament dan li jammonta għal rikonoxximent tad-dejn għaliex wieħed ma jistax jippretendi li jingħata skont jew li tiġi maħtura lilu xi parti minnu jekk ma jkunx b'hekk jimplika l-eżistenza ta' l-istess kreditu. Ġie ritenut illi fejn id-debitur ma jiċħadx id-dejn imma sempliċement jikkontesta l-*quantum* ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qiegħed jinterrompi u taċitament jirrinunzja għall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri (**Anthony Fenech** ***et noe vs*** **John Saliba**, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-21 ta' April, 1971. Ara wkoll Vol. XLVIII.III.1440 u oħrajn);

"*La rinunzia tacita alla prescrizione onda il debitore, senza negare di essere tale, si limita a discutere o ad impugnare l' ammontare dovuta e la espressione come è stata usata dal convenuto* (li ma kellux jagħti daqshekk), *dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore o non riconosceva come esatta la somma da costui pretesa*" (Vol. XXVL.I.441);

L-Ewwel Qorti ġustament allura ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Ġustament ukoll l-Ewwel Qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni ta' l-appellanti *nomine* li biha huma eċċepew l-inadempjenza da parti tas-soċjetà attriċi. Il-fatt illi l-konsenja tal-merkanzija ordnata mis-soċjetà konvenuta ġiet tardivament ikkonsenjata ma jintitolax lis-soċjetà konvenuta li ma tħallasx għal dak li hi rċeviet u aċċettat. Ir-rimedju li kellha s-soċjetà

konvenuta f'dawn iċ-ċirkostanzi kien li tirrifjuta l-merkanzija lilha kkonsenjata, tirreċedi l-appalt u tfittex lill-appaltatur għad-danni. Dan apparti r-rimedju l-ieħor fejn il-liġi hekk tippermetti li s-soċjetà konvenuta tqabbad lil ħaddieħor biex jesegwixxi l-ordni *li kienet għamlet lis-soċjetà attriċi* li kienet tibqa' dejjem responsabbli biex tagħmel tajjeb għat-telf subit mill-konvenuti *nomine*. Ċertament però s-soċjetà konvenuta ma kellha l-ebda dritt illi żomm u tutilizza l-merkanzija lilha kkonsenjata bla ma tħallas tagħha;

Għal dawn il-motivi, l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata *kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-*konvenuti *nomine*.